**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI**

**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. ABIGAIL CRITIEN**

**B.A., Trib. Eccl. Melit., LL.M. (Family Law) (Lond.), LL.D.**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Sherona Buhagiar)**

**(Spettur Wayne Buhagiar)**

**vs**

**Etienne Camilleri**

**Referenza: 854/2024 AC**

Illum l-4 ta' Frar, 2025

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront ta' **Etienne Camilleri**, ta' 47 sena, iben Patrick u Mary Camilleri nee' Abela, imwieled Malta nhar it-23 ta' Frar 1977, residenti ġewwa Blk A, Flat 4, Triq Dawret Ħal Tmin, Żejtun u detentur tal-Karta tal-Identita' Maltija bin-numru 104277M, li kien akkużat talli nhar is-27 ta' Awwissu 2024 u fil-ġranet, fil-ġimgħat u fix-xhur ta' qabel, f'diversi

ħinijiet ġewwa 29, Triq Sant' Andrea, Birżebbuġa u/jew f'diversi lokalitajiet ġewwa l-Gżejjer Maltin;

1. Ikkawża lill-eks-sieħba tiegħu u ċioe' **Amanda Galea**, fastidju għal iktar minn darba meta ġab ruħu b'mod kien jaf jew li messu kien jaf li kien qed ikun ta' fastidju għall-eks sieħba tiegħu **Amanda Galea** liema reat twettaq ripetutament;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex tinħareġ Ordni ta' Protezzjoni, inkluża fil-mori tal-kawża kontra **Etienne Camilleri** għall-benefiċċju ta' **Amanda Galea** u dan ai termini tal-Artikolu 412Ċ tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'każ ta' ħtija minbarra li tinfliġġi l-pieni stabbiliti mil-Liġi, tordna lill-imsemmi **Etienne Camilleri** sabiex iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti, jekk ikun il-każ, kif ipprovdut fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat li fis-seduta tal-11 ta' Diċembru 2024, l-Uffiċjali Prosekuturi, u ċioe' l-Ispettur Sherona Buhagiar u l-Ispettur Wayne Buhagiar qraw u kkonfermaw l-imputazzjoni fil-konfront tal-imputat bil-ġurament;

Rat li fl-istess seduta tal-11 ta' Diċembru 2024, wara li sar l-eżami mingħajr ġurament tal-imputat skont il-Liġi[1], l-imputat **Etienne Camilleri** irreġistra ammissjoni għall-imputazzjoni kif dedotta fil-konfront tiegħu;

Rat li din il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni dwar il-konsegwenzi legali tal-ammissjoni tiegħu, u wara li tagħtu żmien xieraq sabiex jikkonsulta mal-Avukat tal-fiduċja tagħha u jekk trid, jerġa' lura minn tali ammissjoni, l-imputat għal darb' oħra kkonferma l-ammissjoni tagħha;

Rat li din il-Qorti osservat id-dettami tal-Artikolu 392A(1)(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u fid-dawl tal-ammissjoni libera u inkondizzjonata tiegħu, u l-konferma ta' tali ammissjoni wara

[1] Ara a fol 36 tal-proċess

li kkonsulta mal-Avukat tal-fiduċja tiegħu, kien biss f'dan l-istadju li din il-Qorti ħadet konjizzjoni tal-ammissjoni tiegħu;

Għalhekk, wara li din il-Qorti rat l-Artikolu 392A(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tiddikjara li ma hemmx raġuni tajba sabiex tiddubita li l-imputat huwa ħati minkejja li ddikjara l-ammissjoni tiegħu, u tqis li l-imputazzjonijiet sopraċitati kienu sodisfaċentement ipprovati;

Rat li fis-seduta tal-11 ta' Diċembru 2024, din il-Qorti laqgħet it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex tinħareġ Ordni ta' Protezzjoni *ai termini* tal-Artikolu 412Ċ tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta fil-konfront tal-imputat **Etienne Camilleri**, a favur il-*Parte Civile* **Amanda Galea**[2];

Rat id-dokumenti esebiti fl-atti ta' dawn il-proċeduri, senjatament is-segwenti:

1. Fedina Penali tal-imputat **Etienne Camilleri**[3];

2. Ċertifikat tat-Twelid tal-imputat **Etienne Camilleri**[4];

3. Danger Assessment fir-rigward tal-*Parte Civile* **Amanda Galea**[5];

4. Rapport tal-NPS bir-referenza GHQ/GBDV/2378/2024[6];

5. Rapport tal-NPS bir-referenza GHQ/GBDV/2212/2024[7];

6. Kunsens tal-Avukat Ġenerali datat it-3 ta' Ottubru 2024 *ai termini* tal-Artikolu 370(4) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex dan il-każ ikun trattat bi proċedura sommarja[8];

---

[2] Ara a fol 47 tal-proċess
[3] Ara a fol 2 *et seq* tal-proċess
[4] Ara a fol 15 tal-proċess
[5] Ara a fol 16 *et seq* tal-proċess
[6] Ara a fol 21 *et seq* tal-proċess
[7] Ara a fol 25 *et seq* tal-proċess
[8] Ara a fol 29 tal-proċess

7. Stqarrija Awdjo-Viżwali tal-imputat **Etienne Camilleri** datat 3 ta' Settembru 2024[9];

Semgħet it-trattazzjoni finali tal-partijiet fis-seduta tal-11 ta' Diċembru 2024;

Rat l-atti kollha tal-każ;

Rat li l-kawża kienet differita għal-lum għas-sentenza;

**<u>Ikkunsidrat:</u>**

Illi l-imputat kien mixli talli nhar is-27 ta' Awwissu 2024 u fil-ġranet, fil-ġimgħat u fix-xhur ta' qabel, f'diversi ħinijiet ġewwa 29, Triq Sant' Andrea, Birżebbuġa u/jew f'diversi lokalitajiet ġewwa l-Gżejjer Maltin;

1. Ikkawża lill-eks-sieħba tiegħu u ċioe' **Amanda Galea**, fastidju għal iktar minn darba meta ġab ruħu b'mod kien jaf jew li messu kien jaf li kien qed ikun ta' fastidju għall-eks sieħba tiegħu **Amanda Galea** liema reat twettaq ripetutament;

Minn kif intqal aktar 'il fuq, l-imputat irreġistra l-ammissjoni tiegħu għall-imputazzjoni kif dedotta fil-konfront tiegħu, u wara li din il-Qorti wissietu bl-aktar mod solenni dwar il-konsegwenzi legali tal-ammissjoni tiegħu, kif ukoll tagħtu l-opportunita' sabiex jikkonsulta mal-Avukat tal-fiduċja tiegħu u jekk irid, jerġa' lura minn din l-ammissjoni, huwa kkonferma d-dikjarazzjoni tiegħu ħtija, u konsegwentement, din il-Qorti tqis li l-imputazzjoni kif dedotta fil-konfront tiegħu kienet sodisfaċentement ipprovata;

Fil-kalibrar tal-piena li għandha tkun inflitta, din il-Qorti ikkunsidrat il-fatturi segwenti:

1. L-ammissjoni tal-imputat fi stadju bikri ta' dawn il-proċeduri, u għalhekk din il-Qorti ma kellhiex għalfejn taħli ħin u riżorsi sabiex tiġbor il-provi rigward il-mertu ta' dawn l-imputazzjonijiet. F'dan il-punt din il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza

[9] Ara a fol 31 tal-proċess

mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) deċiża fit-13 ta' Settembru 2024 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Rosita Zammit**[10], fejn sostniet is-segwenti:

*23. Illi jiġi rilevat illi l-appellanta ammettiet fil-proċeduri kriminali odjerni u għalhekk ir-regoli ġenerali li għandhom jiggwidaw il-Qrati fil-każijiet ta' ammissjoni bikrija fil-proċeduri kienu deskritti mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza preliminari tagħha fil-kawża: **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Nicholas Azzopardi** deċiża nhar l-erbgħa u għoxrin (24) ta' Frar tas-sena elf disa' mija sebgħa u disgħin (1997) u mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza tagħha **Il-Pulizija vs. Emmanuel Testa** deċiża nhar is-sbatax (17) ta' Lulju tas-sena elfejn u tnejn (2002).*

*24. Illi f'din l-aħħar sentenza dik il-Qorti kkwotat minn Blackstone's Criminal Practice, (Blackstone Press Limited – 2001 edit.):*

*a. "Although this principle [that the length of a prison sentence is normally reduced in the light of a plea of guilty] is very well established, the extent of the appropriate "discount" has never been fixed. In Buffery ([1992] 14 Cr. App. R. (S) 511) Lord Taylor CJ indicated that "something in the order of one-third would very often be an appropriate discount", but much depends on the facts of the case and the timeliness of the plea. In determining the extent of the discount, the court may have regard to the strength of the case against the offender.*

[10] Appell Nru. 414/2023, deċiż mill-Onor. Imħallef Dr. Consuelo Scerri Herrera, paġni 15-17; Ara wkoll f'dan is-sens Att t'Akkuża Nru. 3/2018/2 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Rosario Militello**, deċiża fis-26 ta' Ġunju 2024 mill-Qorti Kriminali presjeduta mill-Onor. Imħallef Dr. Consuelo Scerri Herrera, paġna 13-15, Kawża Nru. 20/2023 fl-ismijiet **The Police v. Mohamed Salim Saaou El Kaddouri**, deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali presjeduta mill-Maġistrat Dr. Elaine Rizzo nhar is-06 ta' Mejju 2024, paġna 4

*b. An offender who voluntarily surrenders himself to the police and admits a crime which could not otherwise be proved may be entitled to more than the usual discount. (Hoult (1990) 12 Cr. App. R. (S) 180; Claydon (1993) 15 Cr. App. R. (S) 526 ) and so may an offender who , as well as pleading guilty himself , has given evidence against a coaccused (Wood [1997] 1 Cr. App. R. (S) 347 ) and/or given significant help to the authorities ( Guy [1992] 2 Cr. App. R. (S) 24 ). Where an offender has been caught red handed and a guilty plea is inevitable, any discount may be reduced or lost (Morris [1998] 10 Cr. App. R. (S) 216; Landy [1995] 16 Cr. App. R. (S) 908).*

*c. Occasionally the discount may be refused or reduced for other reasons, such as where the accused has delayed his plea in an attempt to secure a tactical advantage (Hollington [1985] 85 Cr. App. R. 281; Okee [1998] 2 Cr. App. R. (S) 199.) Similarily , some or all of the discount may be lost where the offender pleads guilty but adduces a version of the facts at odds with that put forward by the prosecution , requiring the court to conduct an inquiry into the facts (Williams [1990] 12 Cr. App. R. (S) 415.) The leading case in this area is Costen [1989] 11 Cr. App. R. (S) 182 , where the Court of Appeal confirmed that the discount may be lost in any of the following circumstances : (i) where the protection of the public made it necessary that a long sentence, possibly the maximum sentence, be passed; (ii) cases of 'tactical plea' , where the offender delayed his plea until the final moment in a case where he could not hope to put up much of a defence, and (iii) where the offender has been caught red-handed and a plea of guilty was practically certain .....”*

fejn dawn il-Qrati argumentaw favur it-tnaqqis fil-piena f'każ li l-imputat jirreġistra ammissjoni fi stadju bikri tal-proċeduri u konsegwentement jiffranka l-ħin u spejjeż

għall-amministrazzjoni tal-ġustizzja. F'dan il-każ jirriżulta li l-imputat irreġistra l-ammissjoni tiegħu fl-ewwel dehra quddiem din il-Qorti nhar is-6 ta' Novembru 2024;

2. L-ammissjoni tal-imputat li saret liberament u mingħajr ebda kundizzjoni u/jew riżerva;

3. In-natura tal-imputazzjoni miġjuba fil-konfront tal-imputat, li tirrinkwadra ruħha fid-definizzjoni ta' "vjolenza domestika"[11] fil-kuntest ta' "familja jew unita' domestika"[12] hekk kif imfissrin fl-Artikolu 2 tal-Kapitolu 581 tal-Liġijiet ta' Malta[13] a rigward ir-reat ta' fastidju kommess fil-konfront tal-eks sieħba tiegħu il-*Parte Civile* **Amanda Galea** u l-portata ta' din l-imputazzjoni;

4. Il-Fedina Penali tal-imputat, li filwaqt li m'hijiex waħda netta, ma jirriżultax li kien hemm dikjarazzjonijiet ta' ħtija fil-konfront tiegħu fil-passat dwar akkużi ta' natura simili għal dawk odjerni;

5. Il-punteġġ ta' *2 – Variable Danger* mid-*Danger Assessment* magħmul fir-rigward tal-*Parte Civile* **Amanda Galea**, fejn bħala fatturi identifikati kien hemm li r-relazzjoni kienet intemmet ftit qabel l-inċidenti mertu ta' dawn il-proċeduri, u ċioe' fl-4 ta' Awwissu 2024, l-użu ta' droga, kritika min-naħa tiegħu fuq l-apparenza tagħha, u segwiment da parti tal-imputat f'Lulju 2024, u li kien inkarċerat, li l-imputat stess qal lill-*Parte Civile* li jattribwihom għall-vizzju tiegħu tad-droga;

6. Illi dawn il-proċeduri huma bbażati fuq żewġ rapporti tal-NPS bir-referenza GHQ/GBDV/2378/2024 u GHQ/GBDV/2212/2024, fejn jirriżulta li t-tnejn jirrelataw ma' fastidju li seħħ fuq medda ta' ġranet fix-xahar t'Awwissu 2024 permezz ta' telefonati min-numru tal-imputat (77075520) għal tal-*Parte Civile* (77066985), b'uħud minnhom

---

[11] '"vjolenza domestika" tfisser l-atti jew l-ommissjonijiet kollha, inkluż il-vjolenza verbali, fiżika, sesswali, psikoloġika jew ta' natura ekonomika li jikkawżaw ħsara u, jew tbatija fiżika jew morali, inkluż it-theddid ta' tali atti jew ommissjonijiet, l-isfurzar, jew iċ-ċaħda arbitrarja tal-libertà, li sseħħ fi ħdan familja u, jew f'relazzjoni intima, kemm jekk l-awtur tar-reat jgħix jew kien jgħix fl-istess residenza mal-vittma jew le, u għandha tinkludi wkoll tfal li jkunu xhieda ta' vjolenza fi ħdan il-familja u, jew relazzjoni intima.'

[12] Ara f'dan is-sens l-Artikolu 2(d) tal-Kapitolu 581 tal-Liġijiet ta' Malta, li jsostnu s-segwenti:

"(d) persuni li qegħdin jew li kienu f'relazzjoni sentimentali u, jew intima;"

[13] Att dwar il-Vjolenza Abbażi ta' Ġeneru u Vjolenza Domestika

fil-perjodu ta' bejn it-18 u s-27 ta' Awwissu 2024 saru permezz ta' *Private Number*. Jirriżulta mir-rapport tal-NPS bir-referenza GHQ/GBDV/2378/2024 li saru sbatax-il telefonata, u mir-rapport tal-NPS bir-referenza GHQ/GBDV/2212/2024 li saru tmien telefonati;

7. Li l-*parte civile* trid biss Ordni ta' Trażżin minn dawn il-proċeduri;

8. Il-fatt li r-reat li għalih l-imputat irreġistra ammissjoni seħħ f'perjodu viċin ferm id-data ta' meta r-relazzjoni ta' bejn l-imputat u l-*parte civile* ntemmet.

Din il-Qorti tibda biex tirrimarka li l-imputazzjonijiet imsemmija huma tali li m'humiex insinifikanti, partikolarment minħabba l-fatt li minbarra li saru fuq medda ta' ġranet, u saru fuq il-persuna tal-eks-sieħba tiegħu il-*Parte Civile* **Amanda Galea**, li konsegwentement jirrinkwadraw ruħhom fid-definizzjoni tal-Vjolenza Domestika u ta' familja jew unita' domestika kif spjegat fl-Artikolu 2 u l-Artikolu 2(d) tal-Kapitolu 581 tal-Liġijiet ta' Malta imsemmijin aktar 'il fuq. *In oltre*, jirriżulta li r-reat li huwa akkużat bih l-imputat sar repetutament matul ix-xahar t'Awwissu 2024. Mill-atti jirriżulta li jidher li hemm xenarju fejn l-imputat, minkejja li r-relazzjoni bejn il-partijiet intemmet fl-4 ta' Awwissu 2024 fejn minn dak li jingħad mill-*Parte Civile* fir-rapport tal-NPS bir-referenza GHQ/GBDV/2212/2024 u l-imputat stess qalilha sabiex jieqaf il-kuntatt bejniethom[14], jidher li da parti tal-imputat, sar l-oppost, u dan hekk kif jirriżulta mill-ammont ta' telefonati li saru matul ix-xahar ta' Awwissu, u saħansitra avviċina d-dar tagħha u ħallielha nota mal-vettura tagħha biex jikkonferma jekk kienitx għamlet kuntatt mal-Pulizija hekk kif joħroġ mir-rapport tal-NPS bir-referenza GHQ/GBDV/2378/2024. Minn dan kollu, din il-Qorti tosserva li l-imputat, minkejja dak li qal lill-*Parte Civile*, ippersista bil-kuntatt magħha, tant li l-aġir tiegħu wassal għall-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri. Il-Qorti tosserva wkoll li l-Fedina Penali tal-imputat m'hijiex waħda netta, anzi pjuttost il-kontra. Madankollu, din il-Qorti tara li jrid jinstab bilanċ bejn il-gravita' tar-reat kkontemplat bil-piena li jġorr miegħu, u ċ-ċirkostanzi tal-każ odjern imsemmija aktar 'il fuq *ossia* l-ammissjoni tal-imputat fi stadju bikri tal-proċeduri, u dan bl-iskop aħħari li l-piena inflitta tkun waħda ekwa u ġusta. Tenut kont il-fatturi kollha imsemmija, din il-Qorti hija tal-fehma li jeżistu ċ-ċirkostanzi meħtieġa sabiex minflok tingħata piena ta' priġunerija effettiva, jkun aktar idoneju li l-imputat jingħata ċans ieħor, u dan taħt

[14] Ara a fol 27 tal-proċess

kundizzjonijiet stretti sabiex inċidenti bħal dawk imsemmija fl-imputazzjoni mertu ta' dawn il-proċeduri ma jirrepetux ruħhom, u tkun assigurata s-sigurta' tal-*Parte Civile*.

**Decide:**

Din il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 31(1)(b), l-Artikolu 202(h)(vi), l-Artikolu 251A(1)(a), l-Artikolu 251A(1)(b), l-Artikolu 251A(4), l-Artikolu 251H(a), l-Artikolu 251H(b), u l-Artikolu 251HA tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qiegħda, fuq ammissjoni libera u inkondizzjonata tiegħu, **issib lill-imputat Etienne Camilleri ħati tal-imputazzjoni kif dedotta fil-konfront tiegħu, iżda *stante* li jissussistu ċ-ċirkostanzi meħtieġa msemmija fl-Artikolu 22(1) u l-Artikolu 22(2) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta (partikolarment għaliex il-*parte civile* trid biss Ordni ta' Trażżin fil-konfront tal-imputat u xejn iżjed u għaliex il-fastidju seħħ wara li r-relazzjoni ta' bejn il-partijiet intemmet fl-4 t'Awwissu 2024) qiegħda tillibera lill-ħati bil-kundizzjoni li ma jagħmel ebda reat għall-perjodu ta' tliet (3) snin mid-data ta' din is-sentenza**;

*In oltre, ai termini* tal-Artikolu 22(3) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, din il-Qorti spjegat lill-imputat, issa l-ħati **Etienne Camilleri**, bi kliem ċar u li jinftiehem ir-responsabbilta' tiegħu taħt din il-liberazzjoni kundizzjonata, u ċioe' li jekk jagħmel xi reat ieħor matul il-perjodu ta' tliet (3) snin mid-data ta' din is-sentenza, jista' jingħata sentenza għar-reat oriġinali;

*In oltre*, din il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 382A(1) u l-Artikolu 382A(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qiegħda tordna l-ħruġ ta' Ordni ta' Trażżin fil-konfront tal-ħati **Etienne Camilleri** a favur il-*Parte Civile* **Amanda Galea** **għal żmien tliet (3) snin mid-data ta' din is-sentenza**, liema Ordni tat-Trażżin għandha tifforma parti integrali minn din is-sentenza;

Il-Qorti qiegħda tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex jitħaddmu fil-konfront tal-ħati **Etienne Camilleri** id-dettami tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan *stante* li ma kienux nominati esperti minn din il-Qorti matul dawn il-proċeduri;

Il-Qorti tordna li *ai termini* tal-Artikolu 392A(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna li kopja skenjata tal-atti, inkluż din is-sentenza, jkunu komunikati lill-Avukat Ġenerali fiż-żmien stipulat mil-Liġi.

**MAĠISTRAT DR. ABIGAIL CRITIEN**

**B.A., Trib. Eccl. Melit., LL.M. (Family Law) (Lond.), LL.D.**